Kulleġġ San Injazju
Skola Primarja Siġġiewi
Triq Dr Nikola Zammit, Siġġiewi, SGW 3077
sic.siggiewi.pr@ilearn.edu.mt
21464317
siggiewiprimary.wordpress.com

# Linji gwida u informazzjoni għall-ġenituri/kuraturi tat-tfal fil-Kindergarten għas-sena skolastika 2021 – 2022

## Dħul u ħruġ tal-k1 u k2 għas-sena skolastika 2021 – 2022

| Klassi | Dħul minn Triq l-Iskola | Ħruġ minn Triq l-Iskola |
|---|---|---|
| Kinder 1.1 | 08:45 | 13:55 |
| Kinder 1.2 | 08:45 | 13:55 |
| Kinder 1.3 | 08:50 | 14:00 |
| Kinder 1.4 | 08:50 | 14:00 |
| Kinder 1.5 | 08:55 | 14:05 |
| Kinder 1.6 | 08:55 | 14:05 |
| Kinder 1.7 | 09:00 | 14:10 |
| Kinder 1.8 | 09:00 | 14:10 |

| Klassi | Dħul minn Triq Ħal-Niklusi | Ħruġ minn Triq Ħal-Niklusi |
|---|---|---|
| Kinder 2.1 | 08:45 | 14:00 |
| Kinder 2.2 | 08:45 | 14:00 |
| Kinder 2.3 | 08:50 | 14:05 |
| Kinder 2.4 | 08:50 | 14:05 |
| Kinder 2.5 | 08:55 | 14:10 |

---

## L-ewwel ġimgħa tal-iskola għall-K1

**Id-dħul għall-ewwel ġurnata tal-iskola se jkun b'appuntament. Għall-ewwel ġimgħa biss l-iskola tispiċċa f'nofsinhar.**

- Mit-Tnejn 4 ta'Ottubru sal- Ġimgħa 8 ta' Ottubru biss (Grupp 1)
- Mit-Tlieta 5 ta'Ottubru sat- Tnejn 11 ta'Ottubru biss (Grupp 2)

| Klassi | Dħul minn Triq l-Iskola | Ħruġ minn Triq l-Iskola |
|---|---|---|
| Kinder 1.1 | 08:45 | 11:45 |
| Kinder 1.2 | 08:45 | 11:45 |
| Kinder 1.3 | 08:50 | 11:50 |
| Kinder 1.4 | 08:50 | 11:50 |
| Kinder 1.5 | 08:55 | 11:55 |
| Kinder 1.6 | 08:55 | 11:55 |
| Kinder 1.7 | 09:00 | 12:00 |
| Kinder 1.8 | 09:00 | 12:00 |

Kulleġġ San Injazju
Skola Primarja Siġġiewi
Triq Dr Nikola Zammit, Siġġiewi, SGW 3077
sic.siggiewi.pr@ilearn.edu.mt
21464317
siggiewiprimary.wordpress.com

1. <u>Qabel mat-tfal jibdew il-kindergarten għallmuhom:</u>

a) Kif iżommu idejhom nodfa

b) Li kemm jista' jkun ma jmissux għajnejhom, wiċċhom imneħirhom u ħalqhom jekk ma jkunux ħaslu jew iddiżinfetttaw idejhom qabel

ċ) Li għandhom jgħattsu u jisogħlu fil-minkeb u mhux fil-pala t'idejhom

d) Kif jilbsu l-maskra

e) Fuq l-importanza li jżommu d-distanza



2<u>. Filgħodu qabel titilqu mid-dar biex tiġu l-iskola araw jekk it-tfal għandhomx:</u>

a) Temperatura ta' 37.2°C jew ogħla

b) Uġigħ fil-griżmejn

ċ) Dijarrea, remettar, uġigħ ta'żaqq

d) Uġigħ ta'ras sever

e) Tqaħqiħa ġdida mhux ikkontrollata



**It-tfal m'għandhomx jintbagħtu l-iskola jekk iħossuhom ma jifilħux. Jekk xi ġenitur/kuratur ikun ma jiflaħx/tiflaħx jew għandu/għandha d-deni m'għandux jibgħat it-tifel/tifla l-iskola.**

<u>3. L-użu tal-maskri</u>

a) Tfal <u>'il fuq minn 3 snin</u> mitluba jiġu l-iskola lebsin il-maskra.

b) Il-maskri jridu jinħaslu jew jinbidlu kuljum.

c) Dawn irid ikollhom isem it-tifel jew it-tifla fuqhom.

d) Importanti li tibagħtu mat-tfal *pocket* b'isimhom fuqu fejn ikunu jistgħu jżommu l-maskra meta ma tkunx qed tintuża.

This school has been awarded with the eSafety Label
valid until 09/2018

Kulleġġ San Injazju
Skola Primarja Siġġiewi
Triq Dr Nikola Zammit, Siġġiewi, SGW 3077
sic.siggiewi.pr@ilearn.edu.mt
21464317
siggiewiprimary.wordpress.com

## 4. Dħul u ħruġ

**a) It-tfal iridu jkunu akkumpanjati minn ġenitur/kuratur wieħed.**

**b) Huwa rakkomandat li l-ġenturi/kuraturi jilbsu maskra/*visor*.**

**b) Se jintużaw entraturi differenti skont il-*year group*.**

**ċ) Mal-wasla l-iskola it-tfal se jintalbu jiddiżinfettaw idejhom u se titteħdilhom it-temperatura fl-entratura tal-iskola. Jekk xi tifel/tifla tinstab li għandu/għandha temperatura ta' 37.2°C jew ogħla ma titħalliex tibqa' l-iskola.**

**d) Wara it-tifel/tifla tibqa' sejra dritt fil-klassi.**

**e) Mhux permess li l-ġenituri/kuraturi jidħlu l-iskola**

**f) Mhux permess li t-tfal iġibu oġġetti li mhux essenzjali, bħall-ġugarelli, l-iskola.**

## 5. Self-help routines

**It-tfal iridu jkunu:**

- ***a) Toilet trained***
- **b) Jafu jaħslu idejhom waħedhom**
- **c) Jafu jinżgħu u jilbsu waħedhom**

**Huwa importanti li kull oġġett ikun immarkat b'isimhom (b'mod ċar u fejn jidher). It-tfal iridu jiġu l-iskola *b'running shoes* abjad li jingħalaq bil-*velcro*.**

## 6. L-ikel

1. **Bħala skola nippruvaw nħeġġu t-tfal jieklu ikel bnin.**
2. **It-tfal ma jistgħux iġibu *soft drinks* , *juices* u ħelu l-iskola.**
3. **L-ikel irid ikun lest biex jittiekel.**
4. **Nitolbukom biex ma tibagħtux l-iskola prodotti li fihom karawett, ġewż, lewż u ġunġlien (*peanuts and nuts*). Dawn jinkludu *peanut butter, hazelnut spreads, nut oils* u *nut flavourings u pesto.***

**Agħtu lit-tfal ikel li jafu jieklu waħedhom u *lunchboxes* li jafu jiftħu u jagħlqu waħedhom. Immarkaw il-lunchbox tat-tfal b'isimhom.**